



**IL-KUNSILL EWROPEW
IL-PRESIDENT**



Brussell, 26 ta' April 2012
EUCO 72/12
PRESSE 180
PR PCE 64

Ittra mill-President tal-Kunsill Ewropew Herman Van Rompuy lill-membri tal-Kunsill Ewropew

Waqt l-aħħar laqgħa tagħna aħna ddiskutejna l-ħtieġa għall-Kunsill Ewropew li jsegwi aktar mill-qrib l-implimentazzjoni tal-orjentazzjonijiet li jstabbilixxi. Abbażi tal-kontribut mill-Presidenzi b'rotazzjoni rispettivi, jien ser naqsam magħkom b'mod regolari il-ħsbijiet tiegħi dwar il-progress li qed isir f'dawn ir-rigward u nenfasizza l-oqsma fejn ser tinħtieġ l-gwida tagħkom. B'mod partikolari, il-Kunsill Ewropew ta' Marzu talab li jiġi ssorveljat il-progress dwar il-proposti ppreżentati taħt l-Att dwar is-Suq Uniku. F'din l-ittra, jien ser niffoka partikolarment aktar fuq dan l-aħħar aspett.

Jien nixtieq infaħħar lill-Presidenza Daniża għar-riżultati li nkisbu u l-progress li sar sa issa fuq xi proposti ewlenin. Hija laħqet qbil mal-Parlament Ewropew dwar għadd ta' fajls importanti, inkluż ir-roaming. Fil-Kunsill qed nagħmlu wkoll progress fuq kwistjonijiet bħall-istandardizzazzjoni, il-fondi tal-kapital ta' riskju u tal-intraprenditorija soċjali kif ukoll linji gwida għal networks trans-Ewropej. Naturalment sforzi imbagħad ser jiġu segwiti biex jintlaħaq qbil fil-Parlament Ewropew malajr kemm jista' jkun.

Madankollu, għad hemm ukoll xi proposti pendenti fejn id-delegazzjonijiet fil-Kunsill ser ikollhom juru aktar spirtu ta' kompromess jekk aħna ser nirrispettaw l-iskadenzi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew. Dwar l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, fejn l-iskadenza hija Ġunju, għad hemm pożizzjonijiet differenti dwar il-livell ġenerali ta' ambizzjoni. Jeħtieġ aktar moviment ukoll dwar il-pakkett tal-akkwist pubbliku jekk aħna ser nirrispettaw l-iskadenza għal ftehim sa tmien is-sena. Fajls prinċipali oħra tal-leġislazzjoni tas-suq uniku li jeħtieġu attenzjoni partikolari huma r-riżoluzzjoni tat-tilwim għall-konsumaturi, id-direttiva dwar il-kontabbiltà u l-istazzjonar tal-ħaddiema.

L - I S T A M P A

Dirk De Backer - Kelliem tal-President - ☎ +32 (0)2 281 9768 - +32 (0)497 59 99 19
Jesús Carmona - Viċi Kelliem tal-President - ☎ +32 (0)2 281 9548 / 5150 - +32 (0)475 65 32 15
press.president@consilium.europa.eu <http://www.consilium.europa.eu/>

EUCO 72/12

Tabilħaqq nappella lil kull wieħed minnkom biex tagħtu struzzjoni lill-Ministri tagħkom responsabbli għal dawn il-fajls biex juru s-sens ta' kompromess meħtieġ biex jgħinu lill-Presidenza biex tikseb riżultati dwar liema huma l-elementi ewlenin għat-tkabbir fl-Ewropa. Nixtieq ngħid kelma b'mod partikolari dwar il-Privattiva Unitarja. Dan il-fajl importanti ilu jiġi diskuss għal ħafna snin u issa ninsabu qrib ħafna qbil finali, għalkemm aħna biss 25. Dan il-qbil huwa meħtieġ issa, għaliex din hija kwistjoni ta' importanza kbira għall-innovazzjoni u t-tkabbir. Jiena nispera verament li l-aħħar kwistjoni pendenti tiġi solvuta fil-Kunsill Kompetittività ta' Mejju. Jekk le, jiena ser nippreżentaha fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju.

Fl-ittra ta' stedina tiegħi għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju, jiena ser nipprovdi kom valutazzjoni politika aġġornata dwar l-istat attwali ta' dawn il-fajls ewlenin.

Waqt li l-proposti dwar l-Att dwar is-Suq Uniku huma ċertament importanti f'termini ta' impatt mistenni tagħhom fuq it-tkabbir, huwa ma jikkostitwixxux l-istampa sħiħa. Aħna għandna, b'mod ġenerali, insaħħu l-governanza tas-Suq Uniku u nifih u oqsma ġodda ta' tkabbir - il-Kummissjoni qed taħdem fuq dawn il-kwistjonijiet u ser tkun tista' tiddiskuti hom f'waħda mil-laqgħat tagħna li jmiss. Minbarra s-Suq Uniku, matul is-sena li għaddiet il-Kunsill Ewropew ipprijoritizza għadd ta' proposti leġislattivi oħra minħabba l-potenzjal tagħhom li jagħtu spinta lit-tkabbir u l-impjiegi.

Din hija r-raġuni għaliex biħsiebi nirrapporta lill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju b'mod usa' dwar l-istat attwali tad-dossjers kollha rilevanti għall-aġenda ta' tkabbir ta' Unjoni. Huwa għalhekk ukoll li, wara Ġunju, biħsiebi naħdem mal-presidenzi futuri biex nippermetti lill-Kunsill Ewropew biex jieħu rendikont ta' progress b'mod regolari u, fejn adatt, niddiskuti dawk il-kwistjonijiet fejn jista' jkun meħtieġ momentum ġdid.

Hawnhekk nixtieq nindirizza kwistjoni importanti oħra. Matul is-sentejn u nofs li għaddew l-Unjoni kellha tirreaġixxi għall-kriżi ekonomika u finanzjarja. Dan ma kienx faċli u xi drabi wassal għal frustrazzjonijiet u piżijiet. Jiena nemmen li l-isforzi tagħna ser iħallu l-frott u li aħna għandna nibqgħu ffukati. Ma hemm l-ebda soluzzjoni rapida. Kellna niffaċċjaw il-persjonijiet urġenti ta' kriżi tad-dejn sovrani. L-enfasi issa għandha tkun dejjem aktar fuq il-prijoritizzazzjoni ta' miżuri li jistgħu jagħtu spinta lit-tkabbir u l-impjiegi u fuq ir-ritorn lejn it-tkabbir sostenibbli. Il-konsolidazzjoni fiskali hija s-sisien li fuqhom aħna rridu niżviluppaw strateġija komprensiva mmirata lejn dan l-oġettiv.

Aħna ċertament ser nitkellmu aktar fid-dettall dwar dan f'Ġunju, meta ser nagħlu s-Semestru Ewropew u napprovaw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex niggwidaw lill-Istati Membri fir-riformi strutturali u l-linji politiċi dwar l-impjiegi tagħhom. Ser neżaminaw ukoll il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020; hawnhekk ukoll aħna għandna nħarsu b'mod partikolari lejn kif il-baġit ta' UE jista' jgħin fl-appoġġ għal aġenda ta' tkabbir robust. Ma neskludix li norganizza ċena informali bejnietna f'data aktar kmieni għal skambju miftuħ ta' fehmiet dwar kif l-aħjar inħejju għal Ġunju.